**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tat-Tnejn u Erbgħin (42) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret , Il-Ħamis 1 ta' Settembru, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fl-5.40 ta' fil-għaxija wara li ngħatat nofs siegħa fuq il-ħin.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.20 p.m. | 8.20 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | Skużat | |
| Kunsillier Alfred Grima | 5.20 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Ray Tabone | 5.20 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | Skużat | |
| Kunsillier Jason Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.42 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.40 p.m. | 8.20 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.20 p.m. | 6.50 p.m.<br>Waqt Korr. No. 26 |
| Kunsillier Ray Bartolo | Skużat | |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.20 p.m. | 8.20 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Wieħed u Erbgħin Laqgħa (41) tal-Kunsill**

Ġew approvati l-Minuti ta' l-ewwel parti tal-laqgħa li nżammet nhar il-21 ta' Lulju 2011 kif ippreżentati.

Ġew approvati l-Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa li nżammet nhar il-25 ta' Lulju 2011 kif ippreżentati.

**2.00 Punti Mqajma mil-Laqgħa (41) tal-21 ta' Lulju 2011**

Dwar 2.01 Rigward il-Bus Stops tal-Arriva, is-Sur Alfred Grima qal li għandna nimxu mal-Arriva bl-istess mod kif nimxu ma ndividwi oħra meta dawn jiksru l-liġi. Ġie deċiż li tinkiteb ittra oħra lil Arriva, u jingħataw ħmistax il-ġurnata ċans sabiex jirranġaw il-Bus Stops li qegħdin jimblukkaw il-bankina, jew inkella dawn jitneħħew mill-Kunsill.



Sindku / *Mayor* : Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.
Segretarju Eżekuttiv / *Executive Secretary* : John J. Camilleri

Dwar 2.02 Il-Kuntrattur tal-latrina tax-Xemxija ma għandux jitħallas qabel ma dan jirranġa l-ftit xogħolijiet li ġie ordnat jirranġa mill-Perit tal-Kunsill.

Dwar 2.04 Ġie deċiż li tinħareġ immedjatament *Default Notice* lil Green MT għan-nuqqas tagħhom fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt li għandhom mal-Kunsill.

Dwar 2.05 Is-Sindku spjegat il-pożizzjoni dwar Triq San Ġorġ u dwar in-negozjati li qed isiru mal-Go plc. Hija qalet li l-kumpanija Go plc issa qed jitolbu li l-Kumpanija Bonnici Bros. jipprovdu polza tal-assigurazzjoni ta' €5,000,000 biex jiġu salvagwardjati l-assi tal-kumpanija u xi claims oħra li jistgħu isiru b'konsegwenza tax-xogħolijiet. Is-Sindku qalet li n-negozjati ma Go plc dwar dan għadhom għaddejjin.

**2.01 Punti Mqajma mill-Kontinwazzjoni tal-Laqgħa (41) tal-25 ta' Lulju 2011**

Dwar 5.02 Il-Kunsill Mario Camilleri kif ukoll il-Perit Etienne Magri ċċertifikaw li x-xogħolijiet tal-latrini kien kollox sew u biex dawn issa jistgħu jitħallsu.

Dwar 12.00 Dwar il-proġett ħdejn Thalassalejn Boċċi Club, il-Perit għandu jipprovdi lista dettaljata ta' kif inhi maħduma s-somma stmata minnu.

Dwar 14.00 Ġie approvat li l-Kunsillier Raymond Tabone jerġa jieħu postu fuq il-Sotto Kumitat ta' dan il-monument u ġie rringrazzjat l-Kunsillier Peter Abela li kien ħa dan l-inkarigu għal matul iż-żmien li l-Kunsillier Tabone kien indispost. Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li tiġi allokata somma fil-Budget li jmiss għall-istatwa ta' San Pawl fir-roundabout ta' Erba' Mwieżeb. Is-Sindku Graziella Galea rrimarkat li din is-somma diġa' ġiet allokata.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 Ġiet ippreżentata lista ta' 42 *item* ta' korrispondenza u komunikazzjonijiet. Id-deċizjonijiet li ttieħdu jinsabu fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.

3.02 Dwar *item* tal-Korrispondenza Nru 06 – Rapport li joħroġ minn spezzjoni tal-*Playing fields* tal-lokal, ġie deċiż li dawk l-*items* li ma ġewx iċċertifikati għandhom jiġu mneħħija totalment u jitranġaw oħrajn fejn dan hu possibli.

3.03 Dwar *item* tal-Korrispondenza Nru 41 – Xogħolijiet rikjesti f'parti minn Triq Piscopo Macedonia, wara li s-SE spjega li s-Sur Joe Fenech ta' Blokrete Ltd. talab is-somma ta' Ewro 1,500 sabiex ilesti din il-parti tat-Triq hu stess, il-Kunsill iddeċieda li joffri lis-Sur Fenech is-somma ta' Ewro 1,000 sabiex ilesti x-xogħol meħtieġ quddiem is-sit li hi propjeta' tiegħu.

3.04 Dwar *item* tal-Korrispondenza Nru 42 – Sellum mal-*boat houses* fil-Bajja tal-Fekruna. Il-Kunsillier Alfred Grima iddikjara li hu kontra li jerġa jiġi nstallat dan is-sellum sabiex il-Kunsill ma jidħolx responsabbli ta' xi danni li jistgħu jinqalgħu minħabba l-użu ta' dan is-sellum. Il-Kunsill qabel li jirrilaxxa dan is-sellum lil sid il-*boat house* mingħajr ma jingħata permess sabiex dan jerġa jitwaħħal. Hija responsabbilita' tas-sid x'jagħmel bis-sellum u dan għandu jiffirma dikjarazzjoni ta' indemnizzjoni lill-Kunsill.

**4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol**

**4.01 Rendikont ta' Dħul ta' Fondi**
Ġie approvat kif preżentat.

**4.02 Rendikont ta' pagamenti**
Ġiet approvata kif preżentata.

**4.03 Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol**
Ġiet approvata kif preżentata.

**4.04 Financial Indicators/Accounts (Quarter Ended June 2011)**
Ġiet sospiża l-laqgħa sabiex l-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante tispjega l-Financial Indicators għat-tieni kwart tas-sena 2011. Il-Kunsill jinsab b'Financial Indicator ta' 13.95%. Dan ir-rapport ġie approvat kif ippreżentat u s-Segretarju Eżekuttiv ġie awtorizzat jibgħat dan ir-rapport lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**5.00 Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-Offerti**
Dan l-item ġie mħolli għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**6.00 Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni**
Dan l-item ġie mħolli għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**7.00 Proposta ta' Proġett fiz-Zona ta' Erba' Mwiezeb**
Ġiet ippreżentata proposta ta' proġett għaż-żona ta' Erba Mwieżeb. Id-disinn ta' dan il-proġett ġie kkumissjonat u mħallas mill-propjetarji tal-istabbiliment Piscopo Cash & Carry li kienu ġew obbligati mill-MEPA sabiex flimkien mal-Kunsill Lokali jippreżentaw pjan ta' kif tista' tittaffa l-problema tat-traffiku fl-inħawi. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma' dan il-proġett u ġie deċiż li jsiru l-arranġamenti neċessarji biex issir konsultazzjoni pubblika. Ġie spjegat illi l-fondi għal dan il-proġett jistgħu jinkisbu mill-Iskemi tal-Urban Improvement Fund u CPPS tal-istess MEPA flimkien ma' fondi oħra li jistgħu jiġu taħt l-iskemi ppubblikati mill-*Housing Authority* kif ukoll xi fondi li jista' joħroġ il-Kunsill. Il-Kunsillier Mario Camilleri ġie nkarigat jagħmel il-kuntatti neċessarji mal-*Housing Authority*.

**8.00 Proposta ta' Ftehim bejn il-Kunsill Lokali u Sirens Football**
Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jsir ftehim mal-klabb dwar użu tal-grawnd mill-Kunsill bi ħlas. Ikun jista' jsir użu mill-grawnd għall-attivitajiet diversi fosthom *Sports Day*.

**9.00 Uffiċini Ġodda tal-Kunsill Lokali**
Is-Sindku l-Perit Graziella Galea spjegat li ġie ffirmat il-kuntratt tal-kera kif ukoll il-konvenju għall-possibilita' ta' xiri tal-uffiċini l-ġodda quddiem in-Nutar Spiteri. Is-Sindku l-Perit Graziella Galea spjegat illi għalkemm in-Nutar Spiteri ma tanix kont għall-ispejjeż ta' jdejh, minflok il-Kunsill jgħaddi dawn il-flus lil Fondazzjoni San Pietru iżda ħalla f'idejn il-Kunsill kemm għandha tkun din is-somma. Il-Kunsill aċċetta li jagħmel dan u nkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iħallas is-somma sa 50% ta' kemm normalment jitħallas Nutar għal dan ix-xogħol.

Is-Sindku l-Perit Graziella Galea spjegat li sabiex isiru x-xogħlijiet kollha meħtieġa fl-uffiċini l-ġodda li *jinkludu lift, platform lift, air conditioning, partitioning* etc., kien hemm il-possibilita' li s-somma vvotata ta' €50,000 ma kienitx ser isservi. Ġie propost li din is-somma tiżdied bi €30,000 oħra. Il-Kunsilliera Alfred Grima u Raymond Tabone ma qablux ma' din il-proposta u għalhekk ittieħed vot. Il-proposta ġiet approvata b'erba' voti favur u tnejn kontra bil-Kunsilliera Alfred Grima u Raymond Tabone jivvutaw kontra.

**10.00 Festa Bdiewa f'Burmarrad 2011 (03 u 04 ta' Settembru 2011)**
Is-Sindku l-Perit Graziella Galea spjegat l-Attivitajiet li kienu ser jiġu organizzati għall-Festa Bdiewa Burmarrad u invitat lill-Kunsilliera kollha sabiex jattendu.

**11.00 Festa tal-Ħut (17 ta' Settembru 2011)**
Is-Sindku l-Perit Graziella Galea spjegat li din l-Attivita' ser issir fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ. Din l-Attivita' ser tiġi ffinanzjata hekk: MRRA madwar €10,000 u l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar madwar €5,000. Is-Sindku spjegat l-ideja tal-attivita' fejn jiġi promoss l-ikel Malti filwaqt li jsir ukoll il-bejgħ tal-ħut. Għandha ssir il-Park & Ride minn Triq Għajn Tuffieħa u tintuża t-trackless train. Din l-attivita' ġiet approvata unanimament. Hi nvitat lill-Kunsilliera kollha sabiex jattendu

**12.00 European Mobility Week – Car Free Day 2011 (18 ta' Settembru 2011)**
Ġie approvat unanimament li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-attivita' nazzjonali. Il-Kunsilliera Mario Camilleri u Frank Gauci gew inkarigati jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attivita' u ġiet ivvotata s-somma ta' €3,000.

**13.00 Aġġornament Dwar Kumitat Amministrattiv Burmarrad**
Dan l-item ġie mħolli għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**14.00 Aġġornamenti**

*14.01 Is-Sindku il-Perit Graziella Galea*

Is-Sindku Graziella Galea nfurmat illi l-Kunsill kien ser jikkopera mal-istabbiliment McDonalds li kienu ser jorganizzaw Clean Up fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar.

*14.02 Il-Kunsillier Alfred Grima*

14.02.01 Il-Kunsillier Alfred Grima semma problema ta' bankina fi Triq il-Villeġġjatura li tirrigwardja lill-Familja Necef u talab li l-kuntrattur jikkuntattjah sabiex huwa jispjegalu x'għandu jsir sabiex tissolva din il-problema.

14.02.02 Il-Kunsillier Alfred Grima talab li jitwaħħlu stickers fuq id-dgħajjes li qegħdin parkeġġjati fit-Toroq Pubbliċi sabiex dawn jitneħħew, jew inkella jiġu mneħħija mill-Kunsill.
*14.03 Il-Kunsillier Frank Gauci*

14.03.01 Il-Kunsillier Frank Gauci ppropona fir-rigward tad-dwal għall-Milied biex il-Kunsill jixtri l-armar ta' dan id-dawl filwaqt li l-Kumitat tal-Festa jarmaw u jżarmaw dan l-armar. Il-

Kunsill qabel fil-Prinċipju sabiex isir dan u talab li tinġieb kwotazzjoni mingħand il-kumitat tal-Festa għax-xiri ta' dan l-armar.

*14.04 Il-Kunsillier Peter Abela*

14.04.01 Il-Kunsillier Peter Abela talab li tinkiteb ittra lill-Perit Daniel Cordina minn Transport Malta sabiex dan jirranġa t-Triq sfrundata fi Triq iċ-Ċenturjun Ġulju. Is-Sindku rrimarkat li hi kienet diġa nfurmatu dwar dan u li b'hekk għandu jsir reminder.

*14.05 Il-Kunsillier Mario Camilleri*

14.05.01 Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li titneħħa d-dgħajsa abbandunata mill-Veċċa u titneħħa skip li hemm ħdejn il-latrina tas-Sirens u jitneħħa wkoll il-ħmieġ li nġabar ħdejn il-latrina. Ġie deċiż li l-Kuntrattur Salvu Mifsud jitqabbad inaddaf ħdejn il-latrina tas-Sirens, u l-latrina fi Triq Parades.

15.00 Tmiem tal-Laqgħa.

Il-Laqgħa intemmet fit-8.20p.m.

Sindku: Perit Graziella Galea

Segretarju Eżekuttiv: John J. Camilleri

04 t'Ottubru 2011

Ref: 55 / 8545 / 11 / OCZ